**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 3 ta' Mejju 2019**

**Kumpilazzjoni Numru 287/2004**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Francis Micallef)**

**vs**

**David Norbert Schembri**

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **David Norbert Schembri:**

1. Talli f'Tas-Sliema nhar il-31 ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-4.30pm, bil-hsieb li joqtol lill Renard Mallia, jew iqieghed l-hajja tieghu f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwt minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.
2. Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkustanzi kkaguna offiza ta' natura gravi li ggib debbulizza u difett permanenti fis-sahha, funzjoni jew ghamla tal-gisem ta' Renard Mallia.
3. Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkustanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta, arresta, zamm jew issekwestra lil Renald Mallia kontra l-volonta' tieghu.

4. Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkustanzi kkommetta serq ta' flus liema serq huwa ta' aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000.
5. Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn LM50 izda anqas minn LM500, ghad-detriment ta' Renald Mallia.
6. Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkustanzi saq vettura, numru DAS-002 tal-marka Ford Fiesta, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, b'manjiera perikoluza u b'velocita' eccessiva.
7. Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkustanzi saq l-istess vettura numru DAS-002 minghajr licenzja tas-sewqan u meta ma kienx kopert b'polza tal-Assigurazzjoni jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Gie akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ghal sentenza li giet definittivament deciza fl-10 ta' Marzu 2000, mill-Qorti tal-Appell.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lilha permezz ta' digriet tas-26 ta' Ottubru 2017 tal-Onorevoli Prim'Imhallef Silvio Camilleri;

Rat l-atti kollha;

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-8 ta' Ottubru 2010 (a fol. 232) sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat dwar fatti li allegatament sehhew fil-31 ta' Marzu 2004 gewwa tas-Sliema. L-istess akkuzi jirrelataw ma' tentattiv ta' omicidju, offiza ta' natura gravi, arrest illegali, serq aggravat bil-valur, hsara volontarja, seqan ta' vettura b'nuqqas ta' kont, traskuragni, manjiera perikoluza u b'velocita` eccesiva u wkoll li l-istess sewqan sar

mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra t-terzi.

**Ikkunsidrat:**

**Renald Mallia** xehed illi huwa kien jahdem mal-imputat li kellu negozju tas-sapun. Huwa kien ibiegh is-sapun fid-djar tan-nies. Jispjega illi fil-31 ta' Marzu, gurnata ta' festa pubblika, huwa xorta kien xoghol. Jghid li kien cempillu l-imputat u kien staqsih kellux x'jaghmel f'xi l-4.00pm sabiex jghinu jittowja van. Sussegwentement l-imputat ghadda ghalih u meta waslu fil-garage, l-imputat ghalaq il-bieb bil-gangetti u bil-firroll. Jispjega li waqt li kien sejjer jara t-tahita tas-sapun li kienet qieghda ssir, huwa hass daqqa kbira fuq rasu. Peress li ma ntilifx minn sensih huwa staqsih x'kien qed jigri u l-imputat wiegbu li kien hadu hemm biex joqtlu u kif qallu hekk beda jaghtih b'hadida li fuq barra kellha l-lastiku. Jghid li zgiccalu pero` xorta lahqu. Jispjega li l-imputat qabdu mill-flokk pero` hu pprova johrog minnu kif fil-fatt ghamel. Sussegwentement irnexxhielu jiftah il-firroll pero` l-imputat qabdu mill-flokk ta' taht u l-istess flokk ceda, u hareg jigri mill-garaxx jghajjat ghall-ghajjut. Kif hareg mill-garaxx jghid li nnota mara u pprova jcempel lil Fr. Jesmond pero` ma qabdux u ghalhekk cempel lil Fr. Hilary Tagliferro bic-cellulari tieghu u talbu jibghat l-assistenza tal-Pulizija. Pero` ddecieda li jmur l-Ghassa tas-Sliema. Mistoqsi kellux problemi mal-imputat huwa stqarr li kien tilef cellulari tax-xoghol u li kien insteraqlu *pouch* b'mitt lira (Lm100) fih li kien gabar min-negozju. Kemm fir-rigward tal-prezz tac-cellulari u kemm fir-rigward tal-flus nieqsa huwa kien qieghed ihallashom lura ghoxrin lira (Lm20) fil-gimgha. Ix-xhud spjega li f'dan l-incident ma kien insteraqlu xejn pero` l-imputat kien kissirlu c-cellulari personali tieghu li kien xtrah mitejn u erbghin lira (Lm240) u li fit-taqbida meta l-imputat gibdu mil-flokk huwa kellu mija u ghoxrin lira (Lm120) liema flus ma sabhomx.

**Nadine Galea** xehdet illi l-imputat tafu u joqghod faccata taghha. Tghid li ghall-habta ta' wara nofshinar kienet qieghda fil-kamra taghha tisma' xi muzika meta semghet hoss, fethet il-bieb tal-gallarija u rat lill-imputat quddiem il-bieb ta' barra tieghu u persuna ohra miexja fit-triq Hija regghet dahlet gewwa u baqghet gewwa.

**PS16 Martin Cordina** xehed illi fl-1 ta' April 2004 huwa kien mar go garaxx fuq struzzjonijiet ta' dak iz-zmien Spettur Frans Micallef fi Triq Nazzarenu, Tas-Sliema. Hemmhekk huwa kellem lil certu Albert Conti li

joqghod fl-istess triq li qallu li kien sema' wiehed jghajjat ghall-ghajjut pero ma harigx. Jispjega lil Conti qallu li Nadine Galea, li toqghod fl-istess blokk, kienet qaltlu li kienet rat wiehed jigri minn go garage li kellu d-demm, li kellu l-flokk imqatta' u li kellu daqqiet ma' kullimkien. Jispjega li meta acceda fil-garage mertu ta' din il-kawza huwa ma nnota xejn ghajr ghal parti mic-caccis li kien maqlugh frisk u li l-art kienet mahsula friska.
**Fr. Hilary Tagliaferro** xehed illi huwa ma jafux lill-imputat pero' jiftakar li xi sentejn qabel kien cempillu certu Renald Mallia u infurmah li xi hadd kien qieghed jaggredih u talbu sabiex imur jghinu. Mallia kien qieghed jibki u jitkellem b'ton gholi. Pero` hu ma kienx iltaqa' ma' Mallia wara dan dan l-allegat incident.

**Joseph Scicluna** stqarr illi bintu kienet tohrog mal-imputat fiz-zmien tal-allegat incident. Jispjega li ftit wara l-allegat incident l-imputat kien qieghed jheddu sabiex jghid li kien maghhom fid-data tal-allegat incident u li jekk ma jghidux kif xtaq hu kien se jkun hazin ghalihom. Spjega li lil Mallia jista' jkun li jafu pero` jaf li l-imputat kien allega li kien seraqlu xi *detergents.*

**Il-Kirurgu Herman Borg Xuereb** fit-2 ta' April 2007 stqarr illi huwa kien immedika lil Renald Mallia gewwa l-Isptar San Luqa fejn irriskontra tbengila fuq is-sett nasali, fuq in-naha ta' fuq, tbengila fuq ix-xellug, ferita ohra fuq is-sett nasali li pero` kienet diga giet immedikata fl-emergenza. Jispjega li mic-CT scans ma rrizultaw l-ebda kumplikazzjonijiet. Mistoqsji jekk il-marka f'imnieher Mallia tistghax thalli sfregju, ix-xhud wiegeb li wiehed ried jara is-sitwazzjoni tal-pazjent fil-prezent. Fix-xhieda tieghu tas-27 ta' Gunju 2007 ix-xhud stqarr illi Renald Mallia kien ilmenta li kien qala' daqqa f'imniehru jew fir-regjun ta' mniehru u fil-fatt kellu tbengila. Kellu wkoll qasma fuq in-naha ta' fuq ta' mniehru li kienet twila xi centimetru izda ma kinitx fonda. Jispjega li l-ferita kellha bzonn zewg punti u jikklassifikaha bhala **<u>gravi</u>**, tenut kont li kienet fil-wicc.

**Il-Kirurgu Mario Said** xehed illi mir-*records* li jinzammu l-Isptar ma jirrizultax illi Mallia kellu bzonn xi intervent f'ghajnejh. Muri ritratti li sussegwentement gew sfilzati b'ordni ta' din il-Qorti, ix-xhud wiegeb illi l-ferita l-iktar wahda serja kienet dik ta' taht ghajnejn Mallia li hija ta' **<u>natura hafifa</u>**. Jispjega li Mallia gie rilaxxat ftit wara, jew f'dik il-gurnata stess jew xi granet wara. In kontro-ezami x-xhud spjega illi minghajr ma jkunx rah wara ma jistghax jiggudika kompletament jekk il-feriti kinux ta'

natura gravi jew hafifa pero` mad-daqqa t'ghajn superficjali kien jghid li kienet **ferita hafifa**.

**John Lewis Calleja** xehed illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAS 002 kienet proprjeta` tieghu. Xehed illi huwa kien jimporta l-vetturi biex ibieghhom. Jispjega li fil-31 ta' Marzu 2004 il-vettura kien silifha lill-imputat ghaliex kien thajjar jixtriha pero` eventwalment il-bejgh ma sehhx. Pero` in kontro-ezami x-xhud xehed illi lill-imputat kien fil-fatt bieghlu zewg vannijiet Transit u van Fiesta.

**Christopher Darmanin**, rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji, xehed illi l-vettura tat-tip van tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni EAS002 kienet registrata fuq John Calleja ghan-nom tal-Kumpanija CJL Ltd. Spjega illi l-imputat ghandu licenzja tas-sewqan ta' Kategorija B u seta' jsuq il-van imsemmi fix-xhieda tieghu. Jispjega pero illi l-imputat kien skwalifikat milli jsuq ghal hames snin permezz ta' sentenza datata 29 ta' Mejju 2001.

**Brian Farrugia** xehed illi minn ricerka li ghamel il-vetura tal-ghamla Ford Fiesta van DAS 002 tghajjat lil John Calleja.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti ma tistghax ma tibdiex billi ma tirrimarkax dwar iz-zmien eccessiv illi dawn il-proceduri hadu sakemm waslu ghas-sentenza. Jirrizulta illi l-imputat gie mressaq b'arrest quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' April 2004. Fit-8 ta' Ottubru 2010 hargu l-artikoli, wara liema intalbu sensiela ta' differimenti kemm mill-Prosekuzzjoni u kif ukoll mid-difiza sakemm fit-22 ta' Jannar 2014 din il-Qorti diversament presjeduta iddifferiet il-kawza *sine die.* Madankollu fit-8 ta' Dicembru 2015 l-imputat ipprezenta rikors biex jigi awtorizzat jirtira d-depozitu li kien ghamel sabiex jinghata l-helsien mill-arrest stante li kien inghata sentenza ta' prigunerija ghal ghomru. Stranament dan ir-rikors gie dekretat pero` l-kawza ma gietx riappuntata. Sussegwentement il-kawza giet assenajata lil din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru 2017.

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat gie akkuzat b'tentattiv ta' omicidju. Illi fin-nota ta' riviju tieghu l-Avukat Generali ma inkludiex l-

artikolu 211 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk din il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni.

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat illi kkaguna offiza ta' natura gravi li gabet debulizza u difett permanenti fis-sahha, funzjoni jew l-ghamla tal-gisem ta' Renald Mallia.

Illi mill-assjem tal-provi il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat wettaq aggressjoni fuq Renald Mallia. Ukoll jirrizulta mill-provi prodotti illi Mallia garrab xi feriti fuq wiccu. Pero` din il-Qorti ghandha kunflitt ta' provi mressqa mill-istess Prosekuzzjoni dwar in-natura tal-istess griehi, u cioe` jekk dawn jistghux jigu kklassifikati bhala offizi hfief jew offizi gravi. Filwaqt li l-Kirurgu Herman Borg Xuereb jikklassifika l-feriti bhala gravi, l-Kirurgu Mario Said jikklassifikahom bhala hfief. Illi din il-Qorti m'ghandhiex dik ic-certezza morali li tali offizi kienu ta' natura gravi u ghaldaqstant ma tistghax issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif dedotta abbazi tal-artikoli moghtija mill-Avukat Generali.

**It-tielet imputazzjoni**

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat gie akkuzat li ssekwestra lil Renald Mallia.

Illi mix-xhieda ta' Renald Mallia jirrizulta illi wara li hu u l-imputat dahlu fil-garage, l-imputat sakkar il-bieb tal-garage bil-firroll u bil-gangetti. Dan il-mod ta' tiskir ma jammontax ghal xi tiskir li ma jistghax jigi mahlul bhal meta perezempju wiehed isakkar *lock* bic-cavetta jew b'xi katnazz. Infatti Renald Mallia irnexxielu jiftah firroll u hareg mill-garage.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx illi din il-imputazzjoni tirrizulta.

**Ir-raba' imputazzjoni**

Illi permezz tar-raba' imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li seraq mija u ghoxrin lira maltin (Lm120) li allegatament kienu fil-flokk ta' Mallia. Illi skond Mallia, l-imputat qalalu l-flokk u anke carratlu l-flokk ta' taht. Minn dak li xehed PS 16 jghid li certu Albert Conti, li ma kienx ingunt bhala xhud f'dawn il-proceduri, qallu li Nadine Galea kienet qaltlu li kienet rat persuna feruta li kienet liebsa flokk griz bil-kmiem homor u bojod. Il-Qorti ma tistghax toqghod fuq dan id-*detto del detto*. Dan iktar

u iktar meta Nadine Galea xehdet f'dawn il-proceduri u ma qalet xejn minn dan.

Ghalhekk jezisti dubju ragjonevoli jekk fit-taqbida li kellhom l-imputat u Mallia fil-fatt il-flokk ta' Mallia thallhiex fuq il-post jew le, u iktar minn hekk x'sar mill-istess flokk jekk dan thalla fil-garaxx tal-imputat. Jirrizulta illi l-imputat ma kienx l-uniku persuna li kellu access ghal dan il-garaxx u ghalhekk, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, huwa kien qalghalu l-flokk, u anke jekk ghall-grazzja tal-argument fih kien hemm mija u ghoxrin lira maltin (Lm120) ma giex stabbilit b'certezza li dawn hadhom l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti se tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Il-hames imputazzjoni**

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li wettaq hsara volontarja fuq cellulari ta' Renald Mallia li jiswa mitejn u erbghin lira maltin (Lm240).

Il-Qorti tinnota li ma gie esebit l-ebda cellulari mkisser jew xi stima tal-hsarat. Apparti dan, il-Qorti tinnota illi Mallia stqarr illi wara li safa aggredit huwa cempel mill-istess cellulari lil Fr. Hilary Tagliaferro. Dan ifisser li c-cellulari in kwisjtoni kien ghadu qieghed jiffunjzjona. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-anqas din l-imputazzjoni ma giet ippruvata.

**Is-sitt u s-seba' imputazzjoni**

Illi permezz tas-sitt u s-seba' imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li saq vettura bla kont, bi traskuragni, b'manjiera perikoluza u b'velocita` eccessiva, filwaqt li ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Illi dawn l-imputazzjonijiet ma jirrizultaw ippruvati mill-ebda xhieda. L-ebda xhud ma semma' li l-imputat ma saq bil-mod kif imputat. L-uniku xhud li jistqarr illi l-imputat saq kien Renald Mallia pero` dan fl-ebda hin ma jghid illi s-sewqan kien bla kont, bi traskuragni jew perikluz jew b'velocita` eccessiva.

Illi fir-rigward tal-imputazzjoni tas-sewqan minghajr licenzja, skond ix-xhieda ta' Christopher Darmanin, ufficjal mal-ufficju tal-Licenzji, l-imputat kien gie skwalifikat milli jsuq ghal perjodu ta' hames snin u dan skont sentenza tad-29 ta' Mejju 2001. Illi ghalkemm f'ghadd ta' rinviji tal-Avukat Generali giet mitlub illi l-Prosekuzzjoni tesebixxi s-sentenza in dizamina, u minkejja illi fis-seduta tas-16 ta' Settembru 201 (a fol. 230) l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li kien se jharrek lir-Registratur tal-Qorti sabiex jesebixxi l-istess, dan fil-verita` qatt ma sar u s-sentenza in kwistjoni baqghat qatt ma giet esebita in atti.

Ghaldaqstant se jigi liberat mill-istess imputazzjonijiet.

**Recediva**

Illi dwar ir-recidiva, ghalkemm telghu ufficjali tal-Korp tal-Pulizija jikkonfermaw li nghataw sentenzi fil-konfront tal-imputat, l-istess sentenzi gew sfilzati stante li x-xhieda tal-ufficjal li esebihom giet sfilzata flimkien mad-dokumenti esebiti minnu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq espressi qieghda tiddikjara lill-imputat David Norbert Schembri mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur